## REGJUN XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

# Minuti tal-Laqgha Nru. 14 / 2011

Data u hin

Il-Laqgha Nru 14/2011 tal-Ewwel Amministrazzjoni
saret nhar l-Erbgha, 6 ta' Lulju 2011 fis-6pm
fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien
f' 73 Triq Santa Marija, Tarxien.

Attendenza

**Prezenti ghal-laqgha :**

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, , Sindku Tarxien |
| Is-Sur Joseph Spiteri | V/Sindku Valletta |
| Is-Sur Francis Debono | Sindku Marsa |
| Is-Sur Dominic Grima | Sindku Paola |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**

Sindku Zabbar
Sindku Fgura
Sindku Kalkara
Sindku Xghajra

**Assenti :**

Sindku Birgu
Sindku Isla
Sindku Bormla
Sindku Zejtun
Sindku Floriana
Sindku M'Scala
Sindku M'Xlokk

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha.

14.1 **<u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Il-Laqgha Regjonali precedenti, ie mghajta fit-28 ta' Gunju 2011 ma setetx issir peress li ma kienx hemm quorum.
Il-Minuti tal-Laqgħa Nru.12/2011 mizmuma fit-3 ta' Gunju, 2011 u dawk tal-Laqgha Nru 13/2011 mizmuma fit-28 ta' Gunju 2011, kienu ġew iċċirkolati minn qabel, ghalhekk, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il- Kumitat approva l-Minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

14.2 **<u>Punti Mqajjma</u>**

14.2.1 **Ufficcju Amministrattiv tar-Regjun**

Ufficcju Regjonali

Il-President informa lil dawk prezenti li fis-6 ta' Lulju 2011 inhareg it-Tender ghal kiri ta' Ufficcju Regjonali ghal-4 snin li gejjin. It-Tender jghalaq fl-10 t' Awissu 2011 f' nofsinhar, filwaqt li jrid jinhatar il-bord tal-ghazla.

14.2.2 **Tender tal-LES**

LES

Il-President informa lil dawk prezenti li l-process ta' evalwazzjoni tat-tender ghadu wieqaf sakemm jigi processat l-protest ta' wahda mill- kumpaniji li tefghu it-tender.

14.2.3 **Emblema/Logo ghar-Regjun**

Emblema/Logo ghar-Regjun

Il-Kompetizzjoni ghal-Logo tar-Regjun, li kienet miftugha ghar-residenti ta' dan ir-Regjun, kienet giet reklamata fil-Kunsilli Lokali tar-Regjun, li kienu gew mitluba jibghatuha lill-ghaqdiet socjali u kulturali fil-lokalitajiet taghhom, giet reklamata l-MCAST u l-Malta Society of Arts, Manufacturers & Commerce.

Id-data ta' l-gheluq ta' din il-kompetizzjoni kienet il-Gimgha, 24 ta' Gunju 2011.

Sfortunatament hadd ma ppartecipa f' din il-kompetizzjoni.

Is-Sur Anthony Degiovanni, Vici Sindku tal-Fgura, fuq inizjattiva personali, prezenzjalment prezenta abbozz ta' emblema inkluz il-kuncett ta' kif wasal ghaliha, waqt il-Laqgha Regjonali Nru 13. Dawk prezenti dakinhar, is-Sindki ta' Bormla, Floriana u Paola kif ukoll il-President kellhom kliem ta' tifhir ghal dan l-abbozz. Peress li ma kienx hemm quorum ghal din il-Laqgha, il-President talab *feedback* mis-Sindki kollha permezz ta' e-mail u dawk li baghtu *feedback* kienu is-Sindki ta' M'Scala, ta' M'Xlokk, tax-Xghajra u taz-Zejtun. Ghalhekk dan il-logo gie approvata minn ghaxar Kunsilli.

Id-Dipartiment ser ikun infurmat minnufih b' dan l-ezitu.

Il-President issugerixxa li, eventwalment, ix-xoghol li wettaq is-Sur Anthony Degiovanni ghandu jigi rikonoxxut – dawk prezenti kollha qabblu ma' din il-proposta.

14.2.4 **European Capital of Culture**

EcoC

Is-Segretarju Ezekuttiv ghada kemm attendiet ghal zewg meeting msejha mill-Kumitat organizzativ tal-ECoC. Innutat nuqqas ta' konkorenza minn naha tal-Kunsilli Lokali. Jidher li x-xoghol preparattiv ghadu ferm lura meta wiehed iqabbel fejn waslu diga bliet ohra partecipanti fit-tellieqa ghat-titolu ez l-belt Olandiza ta' Utrech, li tat prezentazzjoni tajba ferm diga'.

Il-Vici Sindku tal-Belt Valletta qal li minn naha ta' Malta saru xi preparamenti diga'.

Progetti bhal dawn ghandhom ikunu finanzjati tajjeb biex jirnexxu.

14.2.5 **Promozzjoni tar-Regjun**

Promozzjoni tar-Regjun

Is-Sindku tal-Marsa issugerixxa li ghandha tittiehed inizjativa sabiex tittella wirja tal-arti Regjonali, fejn kull Kunsill Regjonali jkun mitlub li jiffinanzja u jressaq artist mill-lokalita'.
Il-President semma li bhalissa ghaddej kuntatt ma' agenzija tal-immudellar u talent lokali b' konessjonijiet Taljani sabiex tittella attivita Regjonali. Ir-Regjun jista jidhol ghal-ispejjez tal-hlas tad-dawl u li jtella palk. Il-premju jkun scholarship ta' sena modelling.

Is-Sindku tal-Marsa jistieden lir-Regjun sabiex fix-xahar ta' Settembru jippartecipa waqt attivita kulturali tal-lokal u b' hekk izid l-gharfien tieghu mar-residenti. Dawk prezenti kollha qablu ma' dawn il-proposti.

Hawnhekk dawk prezenti kollha semmew in-nuqqas ta' protokol muri lejn is-Sindki u l-Vici Sindki, specjalment f' okazzjonijiet organizzati minn dipartimenti Governattivi, tant li per ezempju jintalbu joqghodu bilqieghda fuq wara nett jew li lanqas biss jinghataw tislima.

## 14.3 Affarijiet Finanzjarji

14.3.1 **Nuqqas ta' fondi**

Fondi ghar-Regjun

Ghal darba ohra, l-President informa lil dawk prezenti li r-Regjun reggha kellu jitlob ghal aktar fondi peress li lanqas fadal bizzejjed flus biex jithallsu l-istaff. Id-depozitu sar l-ahhar Gimgha tax-xahar wara l-11.00am! It-talba ghal fondi qed isir gimghat qabel ma dawn ikunu dovuti. Barra minn hekk ir-Regjun dan ix-xahar bi hsiebu jixtri printer/scanner/photocopier.

14.3.2 **Hlasijiet**

Hlasijiet

Giet prezentat Payment Schedule 14/2011 u dawk prezenti approvaw dawn il-hlasijiet indikati fl-istess schedule.

## 14.4 Affarijiet Ohra

14.4.1 **Hlas lill-Agent Segretarju Ezekuttiv**

Hlas lill-A/Segretarju Ezekuttiv

Is-Segretarju Ezekuttiv regghet ikkomunikat mal-Avukat tas-Sur Maurice Mallia fejn ikkonfermat il-hlas li kien sar xhur qabel.
Fil-frattemp ir-Regjun ircieva ittra ufficjali mill-Qorti li ggib id-data tal-10 ta' Gunju 2011, mibghuta mill-Avukat tas-Sur Maurice L Mallia fejn rega' talab hlas ta' €6478.22, liema ittra ufficjali rrisponda ghaliha Dr Joe Mifsud.

14.4.2 **Internal Mobility Calls (PPCD/IEE)**

Trasport nadif fir-Regjun

Il-President informa lil dawk prezenti li ghada l-Hamis, 7 ta' Lulju 2011 hemm laqgha pjanata ma' l-ufficjal is-Sur Mark Causon.

14.4.3 **Xiri ta Printer/Scanner/Photocopier** Xiri ta' apparat

Ir-Regjun dan ix-xahar bi hsiebu jixtri printer/scanner/photocopier. Gew prezentati zewg quotations li nzertaw tal-istess ditta. Il-quotation ta' Scan kienet ghal €220 waqt li dik ta' KLIKK kienet ghal €215 . Dawk prezenti ghazlu li dan ghandu jinxtara minn ghand KLIKK.

14.4.4 **Transport Malta** Transport Malta

Laqgha li kienet skedata ghal-lum 6 ta' Lulju 2011 ma' Transport Malta giet imhassra minn naha ta' Transport Malta fl-ahhar siegha u giet pjanat ohra ghat-13 ta' Lulju 2011. F' din il-laqgha r-Regjun irid jiddiskuti ma' din l-Awtorita' progetti li hemm ghar-Regjun biex jitnaqqas kemm jista' jkun kull inkonvenjent u x-xoghol isir b'aktar ghaqal u strutturat.

14.5 **<u>Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament</u>** Gheluq

Il-Laqgħa ntemmet fit-7.15pm.
Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis, 28 ta' Lulju, 2011 fis-6.30pm, fil-boardroom tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien.

| | |
|---|---|
| **Chev. Paul Farrugia** | **M' Lourdes Lautier** |
| **President** | **Segretarju Ezekuttiv** |

Minuti approvati llum il-Hamis, 28 ta' Lulju 2011.